VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,265, 6 ta' Ġunju, 2014
Taqsima B

A.L. 197 tal-2014

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4A u 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu .

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li Joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li Joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) aktar 'il quddiem imsejħa bħala "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 217.05.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 1(2) tar-regolamenti prinċipali minnufih wara l-kliem "tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109" għandhom jidħlu l-kliem "u 2011/51KE".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "permess ta' residenza, maħruġ mill-KE, li għandu resident għal-żmien twil" il-kliem "maħruġ mill-KE" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "maħruġ mill-UE";

(b) minnufih wara t-tifsira "permess ta' residenza uniformi" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"protezzjoni internazzjonali" tfisser l-istatus mogħti lir-refuġjati u lill-persuni li jkunu qegħdin igawdu minn protezzjoni sussidjarja kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar ir-Rifuġjati u r-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura fl-Eżami tal-Applikazzjonijiet għal Status ta' Rifuġjat; u Kap. 420 L.S. 420.07

(ċ) it-tifsira "rifuġjat" għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-paragrafi (ċ) u (d) tas-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'li ġej:

"(ċ) abbażi ta' mod ta' protezzjoni, barra minn protezzjoni internazzjonali jew dawk li applikaw għal awtorizzazzjoni biex ikollhom residenza fuq dik il-bażi u li

jkunu qegħdin jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom;

(d) li jkunu applikaw għal protezzjoni internazzjonali u li l-applikazzjoni tagħhom tkun għadha ma wasslitx għal deċiżjoni finali;".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) il-kliem "msemmija fir-regolament 5(1)." fis-subregolament (1) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "msemmija fir-regolament 5(1):" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-Direttur ma għandux jagħti status ta' resident li joqgħod għal żmien twil abbażi ta' protezzjoni internazzjonali fl-eventwalità ta' revokazzjoni, tmiem jew iċ-ċaħda biex jiġi imġedded, protezzjoni internazzjonali skont l-artikoli 10(1), l-artikolu 12 u l-artikolu 22 tal-Att dwar ir-Rifuġjati,";

(2) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala (3)(a) u l-kliem "f'dak il-perjodu ta' ħames snin:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'dak il-perjodu ta' ħames snin.";

(3) il-proviso tas-subregolament (3)(a) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament 3(b) u l-kliem "Iżda, d-Direttur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Id-Direttur" u l-kliem "fis-subregolament (3)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-paragrafu (a)";

(4) minnufih wara s-subregolament (3)(b) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Fir-rigward ta' persuni li lilhom tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali, id-Direttur għandu jqis, fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fis-subregolament (1), nofs il-perjodu ta' bejn id-data ta' meta tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, li abbażi tagħha ingħatat il-protezzjoni internazzjonali, u d-data ta' meta ingħata l-permess skont ir-regolament 14 tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura fl-Eżami tal-Applikazzjonijiet għal Status ta' Rifuġjat jew dak il-perjodu kollu jekk il-perjodu jaqbeż tmintax-il xahar.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "riżorsi stabbli u regolari" fil-

VERŻJONI ELETTRONIKA

paragrafu (a) tar-regolament 5(2) tiegħu għandhom jiżdiedu l-kliem "li baqgħu jseħħu għal perjodu kontinwu ta' sentejn minnufih qabel id-data tal-applikazzjoni, iddikjarati mal-awtoritajiet rilevanti tat-taxxa f'Malta," u l-kliem "l-ammont tal-paga medja" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-paga minima nazzjonali" u l-kliem "tad-dħul gross medju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-paga minima nazzjonali";

(b) il-paragrafu (b) tar-regolament 5(2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"(b) akkomodazzjoni xierqa li titqies bħala waħda normali meta mqabbla ma' familja f'Malta u li tkun konformi mal-istandards, li għandhom jiġu ppubblikati permezz ta' avviż fil-Gazzetta fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti* u sussegwentement kull ħames snin, kif imfissra mill-Ministeru responsabbli għad-djar;"; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tar-regolament 5(3) tiegħu l-kliem "kemm bil-Malti jew bl-Ingliż" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bil-Malti".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) fin-nota marġinali u fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "maħruġ mill-KE" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "maħruġ mill-UE";

(2) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Id-Direttur għandu joħroġ permess ta' residenza uniformi u għandu jniżżel fuqu, taħt l-intestatura 'tip ta' permess', il-kliem "residenti fit-tul - UE, u fejn applikabbli, taħt l-intestatura 'rimarki' għandhom jitniżżlu l-kliem 'protezzjoni internazzjonali mogħtija minn Malta fi [data]:

Iżda meta tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru ieħor taħt l-intestatura 'rimarki' għandhom jitniżżlu l-kliem 'protezzjoni internazzjonali mogħtija minn [Stat Membru] fi [data], meta jiġi konfermat minn dak l-Istat Membru illi r-residenti fit-tul għadu jibbenefika minn protezzjoni internazzjonali mogħtija minn dak l-Istat Membru, barra meta dik il-protezzjoni internazzjonali ġiet irtirata lura

* ir-referenza hija għall-Avviż Legali 370 tal-2010 li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2010.

permezz ta' deċiżjoni finali.

(4) Meta t-tieni Stat Membru jitlob informazzjoni rigward jekk il-persuna li tkun detentur ta' permess ta' residenza fit-tul li jkun fih ir-rimarka msemmija fis-subregolament (3), tkun għada qed tibbenefika minn protezzjoni internazzjonali, id-Diretttur għandu jipprovdi risposta lit-tieni Stat Membru, mhux aktar tard minn xahar wara li jkun irċieva t-talba għal informazzjoni.

(5) Meta r-responsabbiltà għal protezzjoni internazzjonali tar-residenti fit-tul tkun ġiet trasferita lil Malta wara li jinħareġ il-permess ta' residenza, maħruġ mill-UE, li għandu resident għal żmien twil imsemmi fis-subregolament (3), id-Direttur għandu jemenda skont hekk ir-rimarka imsemmija fil-proviso tas-subregolament (3) mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-trasferiment.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) il-kliem "tar-reat li jkun għamel:" fil-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tiegħu għandhom jiġu sostitiwit bil-kliem "tar-reat li jkun għamel." u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(g) jekk ir-resident għal żmien twil ikun kiseb l-imsemmi status abbażi ta' protezzjoni internazzjonali u din il-protezzjoni tkun ġiet revokata, mitmuma jew tiġix imġedda kif imsemmi fl-artikoli 10(1), 12 u 22 tal-Att dwar ir-Rifuġjati:";

(2) il-kliem "biex isir xi studju." fis-subregolament (2) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "biex isir xi studju:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta dik il-persuna tressaq prova li tkun osservat il-ħtiġiet sabiex jikseb status ta' resident għal żmien twil skont ir-regolament 5(2) u (3) u li tkun qagħdet f'Malta legalment u b'mod kontinwu għal sentejn u nofs minnufih qabel ma tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni msemmija fir-regolament 5(1).";

(3) il-kliem "maħruġ mill-KE" fis-subregolament (3) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "maħruġ mill-UE".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (e) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(e) sigurtà soċjali u benefiċċji ewlenien fir-rigward ta' assistenza soċjali u protezzjoni soċjali skontil-liġijiet ta' Malta;

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament (3) ġdid li ġej:

"(3) Kull restrizzjoni applikabbli għal trattament ugwali imsemmi f'dan ir-regolament għandu jkun mingħajr ħsara għad-disposiżżjonijijet tal-Att dwar ir-Rifuġjati u kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(3) Meta jkun ġiet deċiż li r-resident għal żmien twil, li l-permess ta' residenza tiegħu, maħruġ mill-UE, dwar residenza għal żmien twil fih ir-rimarka imsemmija fil-proviso tar-regolament 8(3) għandu jiġi mneħħi minn Malta, id-Direttur għandu jitlob lill-Istat Membru imniżżel fl-imsemmija rimarka sabiex jiġi konfermat jekk ir-resident għal żmien twil għadux jibbenefika minn protezzjoni internazzjonali.

(4) Jekk jiġi kkonfermat mill-Istat Membru imsemmi li ir-resident għal żmien twil għadu qed jibbenefika minn protezzjoni internazzjonali, ir-resident għal żmien twil għandu jintbagħat lejn dak l-Istat Membru:

Iżda meta dik il-persuna kkonċernata tosserva l-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 14(2) tal-Att dwar ir-Rifuġjati, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jżomm id-dritt sabiex tintbagħat il-persuna skont l-obbligi internazzjonali ta' Malta, lejn dak il-pajjiż barra minn dak l-Istat Membru li jkun ikkonċeda protezzjoni internazzjonali.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 14(1) tal-Att dwar ir-Rifuġjati.".

Iżid regolament 12A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

11. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Tkeċċija ta' residenti għal żmien twil.

12A. Jekk Stat Membu jkun jeħtieġ konferma, qabel ma jitkeċċa resident għal żmien twil li jkun ingħata tali status f'dak l-Istat Membru u li fil-permess ta' residenza tiegħu jkun fih rimarka li dik il-persuna tgawdi minn protezzjoni internazzjoni f'Malta, jekk dik il-persuna komplietx tgawdi protezzjoni internazzjonali, id-Direttur għandu jwieġeb mhux aktar tard minn xhar wara li jkun irċieva t-talba għal informazzjoni. Jekk l-imsemmija persuna tkun għadha qed tibbenefika minn protezzjoni internazzjonali f'Malta, għandha titħalla terġa tidħol mill-ġdid mingħajr ebda fomalitajiet flimkien mal-membri tal-familja tagħha mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Att u kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu jew liġijiet tal-UE.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fil-paragrafu (a) tar-regolament 15(3) tar-regolamenti prinċipali l-kliem "maħruġ mill-KE" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "maħruġ mill-UE".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

13. Is-subregolamenti (5), (6), (7) u (8) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala (8), (9), (10) u (11) rispettivament u minnufih wara s-subregolament (4) għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(5) Fil-każ meta persuna jkollha permess ta' residenza għal żmien twil li jkun maħruġ minn Stat Membru ieħor u liema permess ikun fih rimarka li dik il-persuna ġiet mogħtija protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru u fil-każ li Malta tkun aċċettat it-trasferiment tal-protezzjoni internazzjoni minn dak l-Istat Membru u l-persuna konċernata ma tkunx għadu inħargilha permess ta' residenza għal żmien twil mid-Direttur skont il-proviso tal-artikolu 8(3), id-Direttur għandu jitlob lil dak l-Istat Membru sabiex jemenda r-rimarka skont hekk.

(6) Fil-każ ta' persuna li jkollha permess ta' residenza għal żmien twil maħruġ minn Stat Membru ieħor u li Malta kkonċediet protezzjoni internazzjonali lil dik il-persuna, id-Direttur għandu jitlob lil dak l-Istat Membru sabiex jemenda r-rimarka skont hekk.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Id-Direttur għandu joħroġ permess emendat ta' residenza għal żmien twil li jkun fih ir-rimarka rilevanti lill-persuna li tkun ingħatat residenza għal żmien twil f'Malta u li tkun eżerċitat id-dritt tagħha ta' mobilità lejn Stat Membru ieħor kif provdut fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-Istatus ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu Residenti għat-Tul, fi żmien 3 xhur minn meta jkun irċieva it-talba mill-Istat Membru fejn ir-resident għal żmien twil ikun mar meta:-

(i) dak l-Istat Membru jkun aċċetta t-trasferiment ta' protezzjoni tal-imsemmija persuna; u

(ii) dak l-Istat Membru ikkonċeda protezzjoni internazzjonali lil dik il-persuna.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

14. Minnufih wara s-subregolament (6) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) (i) Id-dispożizzjoni tas-subregolamenti (4), (5), (6) ma għandhomx japplikaw għal ċittadin ta' pajjiż terz li l-permess tiegħu ta' residenza tal-UE, li jkollu għal żmien twil li jkun maħruġ mill-Istat Membru konċernat jkun fih ir-rimakra li ingħata protezzjoni internazzjonali minn dak l-Istat Membru, sakemm fil-frattemp ma tkunx ġiet ikkanċellata l-protezzjoni internazzjonali jew il-persuna taqa' taħt waħda mill-kategoriji imsemmija fl-artikolu 14(2) tal-Att dwar ir-Rifuġjati.

(ii) Dan is-subregolament għandu japplika mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 14(1) tal-Att dwar ir-Rifuġjati.".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerati mill-ġdid bħala 21(1) u minnufih wara għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Jekk l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz ikollu wkoll protezzjoni internazzjonali f'Malta, id-disposizzjonijiet tar-regolament 12A għandhom japplikaw.".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

16 Fis-subregolament (1) tar-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "fir-regolament 7(4)" għandom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-regolament 7(5)".

Iħassar r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

17. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.